MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 62/2022

It-Tlieta, 20 ta' Diċembru 2022

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fid-9.00 ta' filgħodu.

PREŻENTI:
Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba –Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

PREŻENTI (b'mod Virtwali):

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku, Dott Marlene Cini

62.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

62.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji peress li kulħadd kien preżenti.

62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

62.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 60/2022-8 u Nru 61/2022-8 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

62.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

62.2.3 Il-Kunsillier Nicky Saliba talab li jsiru xi korrezzjonijiet minn minuti Nru 60/2022 fosthom korrezzjonijiet ta' ortografija u Nru 60.4.3.4 Paġna 6 '...Il-Kunsillier Nicky Saliba propona li l-bozza teħel.....' minflok titniżżel '...Il-Kunsillier Nicky Saliba staqsa tistax li l-bozza teħel ma' l-arblu...'. Nru 60.4.1.1 Paġna 7 '...Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li dawn kellhom jibdew aktar l-isfel....' Minflok titniżżel'.... Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li dawn kellhom jitkomplew aktar l-isfel...' . Il-Kunsillier Baskal Saliba talab biex tiżdied f'Nru 60.4.1.1 Paġna 7 mas-sentenza '....Il-Kunsillier Baskal Saliba żied jgħid li hu mhux qed jikritika pero' nibgħatu tfakkira sabiex jitkomplew (u tiżdied) u rringrazzja lil TM li nbeda x-xogħol...' Titħassar ...'Il-Kunsillier Nicky Saliba propona...'. Il-minuti ġew ikkoreġuti.

62.2.4 Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-minuti nru. 60/2002-8 u 61/2022-8, u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra, jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

62.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

62.3.1 Is-Sindku Dott. Marlene Cini infurmat lil membri li dan il-*weekend* bdew l-attivitajiet tal-Milied u ser jitkomplew fil-jiem li ġejjin. Stiednet lil membri biex jingħaqdu magħha sabiex il-Kunsill jagħti rigal b'imħabba fi Pjazza San Franġisk fir-Rabat.

62.3.2 Is-Sindku infurmat lil membri li rigward is-sejħa għal skrivan fuq skala 15 il-Kunsill irċieva l-lista' mill-Jobsplus fuq l-1 u t-2 parti. Kien hemm applikazzjoni waħda. Billi l-bord kien diġa kompost infurmat lil membri li l-ġimgħa d-dieħla ssir l-intervista.

62.3.3 Rigward il-ġbir ta' skart domestiku s-Sindku fakkret lil membri li dan ser jibda' fuq bażi reġjonali fit-2 ta' Jannar 2023 u kompliet tgħid li ser titqassam l-iskeda f'kull dar. Kompliet tgħid li saru ħafna diskussjonijiet fuq din l-iskeda u jista' bi qbil 'il quddiem bejn il-Presidenti tar-Reġjuni din tinbidel.

62.3.4 Is-Sindku infurmat lil membri l-kuntrattur ta' l-*open skips* ser jiġborhom fil-31 ta' Diċembru 2022 peress li l-offerta ser tagħlaq fl-aħħar tas-sena u l-istess Kuntrattur hu wieħed mill-offeranti tal-ġbir ta' skart Reġjonali. Il-Kunsillier Nicky Saliba ddikjara kunflitt ta' nteress peress li jaħdem bħala Environmental Officer fi ħdan ir-Reġjun t'Għawdex. Il-Kunsillier Daniel Cordina talab biex jitqabbad kuntrattur privat li ma jagħmilx parti mill-offerta tal-ġbir ta' l-iskart Reġjonali. Is-Sindku nfurmat lil membri li l-Awtoritajiet qed jimponu li titnaqqas il-borża s-sewda. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil li jintalab il-parir ta' l-Avukat tal-Kunsill u din fuq proposta tal-Kunsillier Baskal Saliba. Is-Sindku nfurmat lill-membri li l-kuntratt tal-*contracts manager* ukoll ser jiskadi u minħabba l-pożizzjoni tiegħu mar-Reġjun t'Għawdex ma jistax jeżerċitah. Il-membri qablu li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tassumi r-responsabilita'.

62.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

62.4.1 *Il-Viċi Sindku Sandra Grech ressqet dawn il-punti:*

62.4.1.1 Qalet li attendiet diversi laqgħat rigward l-ġbir ta' skart Reġjonali u talbet sabiex isir aktar reklamar f'dan ir-rigward.

62.4.1.2 Infurmat lill-membri li kien hemm il-Green Wardens fi Triq il-Qbajjar pero sfortunatament ħadd ma nqabad u dan peress li n-nies qed jgħarfuhom u anke l-ħin li ġew kien wara li kien għadu kif għadda ta' l-ischammel.

62.4.1.3 Staqsiet jekk il-*cat houses* li talbet fil-laqgħa preċedenti sarux. Is-Sindku nfurmatha li dawn qed jinħadmu.

62.4.1.4 Talbet sabiex issir tfakkira sabiex isir *repainting* taz-*zebra crossings* ta' Triq il-Qbajjar u Triq ir-Rabat.

62.4.1.5 Staqsiet jekk il-Kunsill kellhux xi risposta minn Transport Malta rigward il-parkeġġ riservat għal muturi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmata li l-Kunsill għadu jistenna risposta.

62.4.1.6 Talbet sabiex issir tfakkira lil Ministeru għal Għawdex rigward il-kisi mill-ġdid ta' Triq il-Qbajjar.

62.4.2 *Il-Kunsillier is-Sur Nicky Saliba ressaq dawn il-punti:*

62.4.2.1 Staqsa kif l-anzjani tar-raħal li ma jsuqux kif ser ikunu jistgħu jiddisponu mill-flixken fir-*reverse vending machine* peress li ma hawnx fir-raħal. Staqsa jekk il-Kunsill jistax jagħti dan is-servizz. Is-Sindku nfurmatu li l-Kunsill diġa qed jagħti dan is-servizz bil-vettura elettrika tiegħu.

62.4.2.2 Rigward ir-restawr ta' l-istatwa ta' Santa Marija, il-Kunsillier Nicky Saliba talab sabiex tingħata għajnuna mill-Kunsill. Il-membri qablu li tiġi organizzata attivita' flimkien mal-Kunsill.

62.4.2.3 Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li kien talab żewġ ħadidiet biex jeħlu fi Triq ix-Xwejni f'Lulju li għadda. Is-Segretarju Eżekuttiv

infurmatu li kelmet lill-kuntrattur l-ġurnata ta' qabel u infurmha li ser teħel.

62.4.2.4 Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li sena ilu kien ordna rħama bl-ismijiet tas-Sindki u din għada ma twaħħlitx. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu illi f'din il-ġimgħa għandha teħel.

62.4.3 *Il-Kunsillier is-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:*

62.4.3.1 Staqsa rigward l-*one way* li kien hemm qbil li ssir talba lil Transport Malta fi Triq Mons De Piro. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li ser tibgħat lil Transport Malta f'dan ir-rigward.

62.4.3.2 Rigward il-ħajt fi Triq Wied l-Infern li kien inbena mill-Ministeru għal Għawdex u waqa' biċċa minnu. Il-membri qablu li jinbena mill-kuntrattur tal-Kunsill.

62.4.3.3 Staqsa jekk il-Kunsill kellux xi risposta fuq is-*survey* ta' Triq il-Ponta li ntalab li jsir mill-Perit. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu fin-negattiv.

62.4.3.4 Rigward il-bankina ta' Triq il-Ponta. Qal li din ilha minn Marzu li għadda applikata pero għadha ma saritx mill-Ministeru għal Għawdex. Iddikjara li l-Kunsill ma jistax jibqa' sejjer hekk fejn isiru talbiet lil Ministeru u jiġu njorati. Kompla jgħid li fl-istess blokka joqgħodu r-residenti fejn dawn qed ikollhom jgħaddu minn ġot-terrapien sabiex jidħlu fil-blokka.

62.4.3.5 Rigward talba minn resident sabiex isiru gutters taħt il-bankina fi Pjazza l-Assunta sabiex jitneħħew il-wires tad-dawl minn mal-bini. Il-Kunsillier Nicky Saliba ddikjara konflitt ta' nteress pero' qal li meta kien Sindku hu saret laqgħa ma l-Inġinier u kien instab mezz li l-kaxxa teħel Ta' Ċikku pero' kien hemm problema fejn kien qed isir xi bini li issa ġiet solvuta u għalhekk issa dan il-gutter jista' jsir. Is-Sindku infurmat lil membri li nhar il-Ħamis li ġej, l-Inġinier ta' l-Enemalta ġej fi Triq ta' Milied minħabba n-nuqqas ta' dawl u għalhekk proponiet li ssir laqgħa miegħu dak in-nhar f'dan ir-rigward. Il-membri qablu li ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill rigward il-pjanta tal-bankini li saret bil-permess tal-PA u ssir laqgħa wkoll ma' l-Inġinier ta' l-Enemalta.

62.4.4 *Il-Kunsillier is-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:*

62.4.4.1 Talab sabiex jeħlu malajr kemm jista' jkun il-*floodlights* li ġie maqbul li jeħlu fi Triq ix-Xwejni u Triq Santa Marija. Is-Segretarju Eżekuttiv ċemplet lil kuntrattur waqt il-laqgħa f'dan ir-rigward. L-istess kuntrattur informa lil membri li se jieħu ħsieb din il-biċċa xogħol fil-jiem li ġejjin.

62.4.4.2 Informa lil membri li fi Triq Sant'Indrija hemm ħafna dlam peress li nqalet bozza minn ma' dar li ser titwaqqa'. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill ingħata permess mingħand resident sabiex teħel bozza ġdida ma tiegħu. Għaldaqstant inbeda l-proċess biex teħel din il-bozza.

62.4.4.3 Talab sabiex titbaxxa rampa f'dar fi Triq Għajn Mhelhel. Qal li l-problema ġiet meta saret it-triq mill-ġdid peress li nbiddlu l-livelli. Wara diskussjoni l-membri qablu li din titranġa.

62.5 Performance Bonus għall-ħaddiema tal-Kunsill

Is-Sindku preżentat ir-rapport tal-*performance bonus* tal-ħaddiema tal-Kunsill. Wara diskussjoni l-membri qablu li l-ħaddiema kollha għandhom jieħdu l-massimu.

62.6 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti

62.6.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li tenur Mikel Angelo Muscat talab il-kolleborazzjoni tal-Kunsill sabiex jitella' kunċert fil-Knisja. Il-membri qablu.

62.6.2 Ċirkulari mid-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward Long life learning fuq korsijiet li ser isiru. Il-membri qablu li għandhom isiru aktar verifikazzjonijiet f'dan ir-rigward.

62.6.3 Emejl mill-Community police fejn qed jitolbu sabiex il-parkeġġ tal-kantuniera fi Pjazza San Pawl kantuniera ma' Triq id-Duluri jittwalu d-*double yellow lines* u jinżebgħu l-parkeġġi. Il-membri qablu li ssir talba ma' Transport Malta u minflok jittwalu l-*yellow lines* isir parkeġġ għal muturi.

62.6.4 Il-Legion of Mary talbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex isir *Christmas Carol Choir Service* fil-Knisja. Il-membri qablu li jidħlu f'kollaborazzjoni.

62.6.5 Ilment li Triq is-Sagħtrija għandha bżonn *patching.* Is-Sindku nfurmat lil membri li din għandha ssir mill-ġdid.

62.6.6 Talba mingħand resident sabiex terġa tinfetaħ mill-ġdid il-latrina li kien hemm fejn Pierre's Restaurant. Il-membri ma qablux peress li dan kien fil-privat pero' kien hemm qbil li fis-Sajf issir talba lil Ministeru għal Għawdex sabiex jitpoġġa *mobile toilet.*

62.6.7 Rigward l-offerta li ħarġet għal servizz tal-Perit. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li ntefew 3 offerti. Il-membri qablu li l-bord ikun kompost minn William Sultana bħala Chairman, Odette Camilleri bħala Segretarju waqt li l-membri jkunu l-Avukat Louis Stefan Magrin, l-Inġinier Mario Cauchi u l-Accountant Daniel Galea.

62.6.8 Talba għal *yellow line* quddiem dar fi Triq San Mikiel. Is-Sindku nfurmat lil membri li din diġa saret talba u ma kinietx għaddiet peress li ma ġabx il-permess tas-sidien tal-faċċata. Il-Kunsillier Daniel Cordina fakkar li ftit il-fuq sar *double yellow line* faċċata. Is-Sindku nfurmatu li dak sar bil-permess ta' sid il-blokka. Wara diskussjoni l-membri qablu li jekk jinġab il-permess mingħand tal-faċċata ssir talba ma' Transport Malta.

## 62.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 41/2022 għall-perjodu ta' Diċembru 2022 li tammonta għal € 63,629.73c ġiet approvata u ffirmata.

## 62.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-10.35 ta' filgħodu.

Dott Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv